MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 1

04 ta' Lulju 2024

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' fiċ-Ċentru għall-Kultura, Edukazzjoni u Informazzjoni fi Ġnien l-Istazzjon, Ħ'Attard, fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Nicole Portelli - Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Paul Ciantar – Kunsillier
Ralph Cassar – Kunsillier
Martin Musumeci - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud Mintoff – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

**Is-seduta għall-bidu ġiet immexxija mill-Kunsillier l-iktar anzjan, is-Sur John P. Bonnici.**

Il-laqgħa bdiet bis-Sur John Bonnici jieħu postu f'nofs il-mejda u bir-radt tas-salib. Hu beda billi qal li se jgħaddi għall-ewwel item fuq l-Aġenda l-aċċettazzjoni tal-kariga ta' Sindku.

## 1.1 Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Sindku

1.1.1 Is-Sur Cordina qara, aċċetta u ffirma l-aċċettazzjoni tal-kariga u preżentaha lis-Segretarju Eżekuttiv. Wara sar il-Ġurament tal-Ħatra ta' Sindku, fil-preżenza ta' kulħadd, quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr. Matthew Brincat.

Is-Sur Stefan Cordina rringrazzja lis-Sur Bonnici u ha postu bhalha Sindku ta' Ħ'Attard biex jippresjedi s-seduta. Hu għadda għat-tieni item fuq l-Agenda.

## 1.2 Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Viċi Sindku

1.2.1 Is-Sur Cordina dar fuq is-Sur Alexander Louis Mangion u saqsieh jaċċettax il-kariga ta' Viċi Sindku. Is-Sur Mangion qara, aċċetta u ffirma l-aċċettazzjoni tal-kariga li ġiet ippreżentata lis-Segretarju Eżekuttiv. Hu għadda għall-ġurament tal-ħatra quddiem Dr. Matthew Brincat fejn ġie maħtur uffiċċjalment Viċi Sindku.

## 1.3 Responsabbiltajiet tal-Kunsilliera

1.3.1 Is-Sindku qara r-responsabbiltajiet ta' kull Kunsillier wieħed wieħed (annessi ma' dawn il-Minuti għall-fini ta' servizzi onlajn). X'ħin wasal għar-responsabbiltajiet tas-Sur Martin Musumeci qal li barra dawk miktuba se jkollu wkoll l-iSports mas-Sur John Bonnici. Qal ukoll li ħafna mir-responsabbiltajiet huma maqsumin bejn tnejn u dan biex ikun hemm bilanċ u l-Kunsilliera jaħdmu flimkien. Hu rringrazzja lil kulħadd.

## 1.4 Aġġornament

1.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-aħjar iżommu l-laqgħat kif kienu qabel cioe' kull l-aħħar Erbgħa tax-xahar. Ħadd ma sab oġġezzjoni. Fl-eventwalità li jkun hemm xi kambjament dan jiġi miftiehem bejn kulħadd.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.10pm u ġiet aġġornata għas-17 ta' Lulju 2024 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 17 ta' Lulju 2024

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |